# Annimali żgħar



## In-nannakola

Darba f'għalqa kbira kien hemm nannakola żgħira. Kienet qed tiekol xi dud żgħir minn fuq il-weraq. Kien hemm xi tfal jilagħbu. Wieħed minnhom, Karl, qabad lin-nannakola u ħadha miegħu ħo kaxxa tas-sulfarini.



It-tfal l-oħra qalulu biex iħalliha għax fil-kaxxa malajr tmut. Imma Karl xorta ħadha d-dar. Għadda ftit taż-żmien u t-tfal reġgħu marru fl-għalqa. Iżda issa, minflok ħaxix sabiħ sabu li d-dud  kien kiel kollox.

Lanqas werqa waħda ma kien baqa' sħiħa. Karl tgħidx kemm iddispjaċih għax induna li n-nannakola kienet qed tiekol id-dud u tħalli l-weraq tal-ħxejjex sbieħ.



**Wieġeb fuq il-pitazz.**

1. X'kienet qed tagħmel in-nannakola fuq il-weraq?
2. X'marru jagħmlu fl-għalqa t-tfal?
3. Min qabad lin-nannakola?
4. X'għamel biha?
5. Xi ġralhom il-ħxejjex li kien hemm fl-għalqa?

Ferrante